# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti ta' l-erbatax (14) –il laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju, 2009 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Skużata:* Nadia Zammit Kunsillier

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tat-tlettax -il laqgħa tqassmu u nqraw mil-kunsilliera.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Approvazzjoni ġiet ipproponuta minn Mario Salerno u ssekondata mil-Kunsillier, Stephen Mizzi.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajma mil-minuti ta' qabel.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku beda jaqra l-istqarrija tiegħu u qal li il-ħidma fuq il- bini tal-kunsill il- ġdid qed tqarrab it-tmiem. Baqa' l-opramorta u xi teftifiet li qallu l-perit biex iwettaq. Is-Sindku qal li talab lil Perit Dieter Falzon , li meta l-kuntrattur Brian Theuma jispicca x-xogħol, hu jiġi biex jiċċertifika t-tmiem tal- ħidma u d-data ta' meta jkun spiċċa. Meta l-Perit jiċċertifika x-xogħol, nitkellmu ma' l-Avukat Anthony Galea biex naraw il-linji ta' gwidi li nridu nużaw fuq il-ħlasijiet minħabba l-fatt li l-kuntrattur kien marbut, bi ftehim, li jlesti x-xogħol sa l-24 ta' Diċembru u għalhekk ikollu jħallas il-multa kif mifthema wkoll ta' €50 kuljum.

Is-Sindku qal li rigward kif se jkun fornut bl-għamara u l-aperturi hu tkellem mal-kunsilliera kollha u mal-ħaddiema tal-kunsill sabiex insibu l-aħjar mezz ta' kif jitkompla x-xogħol jitlesta fiż-żmien stipulat. Salerno qal ukoll li Stephen Mizzi issuġġerixxa li nġibu designer biex jagħti stampa aħjar ta' kif se mmexxu fil-ġejjieni. Il-Viċi – Sindku iltaqa' wkoll ma' l- Inġinier Louis Borg fuq il-post u flimkien iddiskutew kif se jagħddu l-pajpijiet ta' l-elettriku u ta' l-ilma. Salerno kompla u qal li billi se jkunu installati l-pannelli fotovoltajiċi fuq il-bejt, liema somma ser tkun issussidjata bin-nofs mill-Ġvern ¬entrali, kif ukoll wasal iż-żmien li l-istaff tal-kunsill jaħdem fuq it-tender document, mhux biss fuq is-sejħa għall-pannelli fotovoltajiċi imma wkoll għal materjal ieħor li ser jintuża' għall-post.

Kunsill Lokali Kirkop – Triq il-Barrieri, Kirkop
Sindku: Sur Mario Salerno
Vi`i Sindku : Sur Joseph Carbone
Kunsilliera : Sur Stephen Mizzi, Sinjorina Nadia Zammit, Sinjura Mary Rose Roberts
Tel: 21680099 Fax: 21683777 email: kirkop.lc@gov.mt

4.2. Is-Sindku stqarr li hu ferm importanti li nżommu saqajna ma' l-art fejn tidħol in-nefqa fuq proġetti li lkoll kemm aħna għandna għal qalbna. Hu semma l-applikazzjonijiet li l-kunsill issottometta taħt il-mizuri 313 u 323 tal-programme EARFD fejn il-kunsill qed jipprova jġib fondi mill- EU sabiex inwettqu l-proġetti fuq l-Imtala, il-Katakombi, ix-xelters u t-tisbieh ta' Pjazza |ernieq. Għal dawn il-proġetti l-kunsill warrab is-somma ta' €160,000 biex jagħmel tajjeb għal parti mis-somma globali li jkollu joħroġ jekk il-proposti għall-proġetti jiġu milqugħa. Tajjeb ukoll li wieħed jagħmel referenza għat-talba li għamel il-kunsill lil ADT sabiex tlettax il-triq isiru bit-tarmak. Is-Sindku qal li hemm xogħol ta' prijorita li jrid isir qabel jibda' x-xogħol ta' rikostruzzjoni fuq Triq Valletta taż-|urrieq. F' din it-triq hemm ukoll bżonn li jgħaddi d-drenaġġ mil-ġdid li ta' kull sena qed iħalli diżastru fi Triq Valletta u fi Triq ir-Ramlija ta' }al Kirkop. Il-Perit Anthony Bezzina wettaq xogħol kbir fi żmien qasir biex stajna inkunu fil-ħin għat-talbiet tagħna. Bħala spiża biex jitħallas il-kuntrattur, il-kunsill irid iwarrab is-somma ta' €40,000 bħala parti mit-tkomplija tal-ħlas irrespettivament mill-ħlasijijet ta' xi multa tal-kuntrattur. Salerno qal li żgur li bid-dewmien li dam il-kuntrattur, il-kunsill se jkollu jidħol għall-spejjeż aktar, ibda' minn ħlas tal-Perit li l-kuntratt tiegħu mal-kunsill għalaq u dan il-Perit afferma li jitħallas wara li skada t-terminu ta' tlett snin bir-rata tal-gvern, kif wkoll ħlasijiet żejda oħra għax il-materjal għola. Is-Segretarju Eżekuttiv irid iwarrab bejn wieħed u ieħor xi €12,000 kull xahar għal pagi ta' l-impjegati u tal-kuntratti tas-servizzi. Għalhekk irridu nwarbu mid-dħul ta' l-allokazzjoni xi €36,000 kull tlett xhur għal dan il-għan.
4.3. Is-Sindku ried jiġbed l-attenzjoni wkoll lejn il-kunsill fuq kemm l-indafa fil-lokalita, kif ukoll qed jinżammu l-arbuxelli u l-pjanti fir-raħal. Għalkemm ir-raħal qed jitħammeġ aktar, billi l-konsum tal-fliexken tal-plastik spara l-fuq matul l-aħħar sena, xorta waħda l-kunsill irid jissikka aktar fuq l-imgħallem tal-kenniesa s-Sur Mario Farrugia sabiex flimkien naraw kif inżommu s-servizzi b'mod aċċettabli. Is-Segretarju Eżekuttiv Ranier Busuttil tkellem mas-Sur Paul ¬ini biex titnaddaf Triq l-Imdina li kienet mimlija bil-ħaxix u bil-ħmieġ. Din it-triq għandha bżonn ukoll patching tajjeb u dan irid isir mill-ħaddiema tal-kunsill. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm talba għal xi lampa tad-dawl ġdida fl-istess triq, imma jidher li hemm problemi loġistiki minħabba li m'hemmx linji tad-dawl mgħoddijin. Is-Sindku qal li rigward il-manteniment tal-flora, rega' daħal għax-xoghol l-imgħallem is-Sur Charles Attard li għamel xi żmien indispost u fin-nuqqas tiegħu, ix-xoghol mar lura ħafna. Is-Sindku qal li issa jispera li dak li ntilef, jintrebaħ lura b'nies li ntalbu li jkunu tal-post. Il-kunsill kien għamilha ċara li jrid persuna tal-post u ma jridx li jinġiebu sitta ġardinara li jaħbtu f'xulxin u li jkunu ta' xkiel għal xulxin. Ingħataw istruzzjonijiet preċiżi lil ELC biex kull siġra "Alien" titbiddel ma' siġra indiġina u li tkun ambjentata sew fl-inħawi.

4.4. Is-Sindku qal li twaħħlu dawk il-lampi fi Sqaq ir-Ramlija u r-raħħala li għandom il-mogħoż u n-ngħaġ fiż-żona huma kuntenti ħafna bihom. Salerno kompla u qal li bis-saħħa tad-dawl, dawk li kienu jabbużaw fis-satra tad-dlam inqatgħu minn hemm u żgur marru jfittxu x'imkien ieħor!!

4.5. Is-Sindku fakkar lil sħabu nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju fit-tmienja u nofs ta' filgħodu, ser ikun hemm is-seminar fuq id-droga. Dan is-seminar se jkollu speakers u esperti f' dan il-qasam , u hemm xi genituri li jbukkjaw il-postijiet. Ikun tajjeb li Ms Antonia tiehu hsieb bhalma dejjem hasbet sew fl-organizzazzjoni tas-seminar. Tajjeb li wiehed isemmi wkoll ir-rwol kbir li jaghti l-istaff f' dawn l-attivitajiet , bhalma wettqu b' dedikazzjoni kbira f'Jum Hal Kirkop li sar fid-29 ta' Mejju,09. Kien jum li sehhet id-devoluzzjoni tal-librerija fejn il-kunsill investa bil-kbir biex jkun registrat qabza kbira fil-hajja ta' kuljum fid-dinja tal- qari tal- kotba u f' aktar uzu tal-librerija lokali.

4.6. Is-sindku jixtieq jirringrazzja b' mod uffiċjali lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said, l-Onor. Evarist Bartolo u l-Onor. Stefan Buontempo tal-presenza tagħhom u tas-sapport kbir li taw lil lokalita' fid-disgħa u għoxrin ta' Mejju,09.

4.7. Mario Salerno s-Sindku semma wkoll l-interess kbir li wera l-Onor. Mario Galea li hu s-Segretarju Parlamentari ta' l-anzjani fil-proġett tax-xelter għall-anzjani. Is-Sindku xtaq jirringrazzja lil Onor. Galea ta' l-appoġġ kbir li qed jagħti lil kunsill lokali sabiex jitwettaq Xelter /¬entru Miftuħ

għall-anzjani. Is-Sindku jixtieq jsib xi sponsors u xi benefatturi biex jagħtu l-kontribut tagħhom sabiex din il-ħolma ssir realta'. L-għan tal-kunsill hu li tinstab soluzzjoni ta' kif jinstabu l-mezzi finanzjarji biex tinbena din il-binja u kif ukoll jista' jitmexxa dan iċ-ċentru b' mod sostenibbli.

4.8. Is-Sindku qal ukoll li bħalma jsir f' ħafna lokalitajiet oħra, hu importanti li nsibu attivita' agrarja li hi marbuta ma' }al Kirkop. Salerno qal li hu stat ta' fatt li l-Koppin huma magħrufa għall-produzzjoni ta' l-irkotta. Is-Sindku kompla u qal li, għalkemm għad baqa' vera ftit, li togħdhom fuq subajk, il-Kunsill għandu jerġa' jgħin biex titqajjem din id-drawwa tal-produzzjoni ta' l- irkotta fid-djar tagħna. Fiċ-ċirkustanzi preżenti hu vitali li minn issa naħsbu biex intellgħu l-festa ta' l-irkotta li tiġbor fiha fiera u kompetizzjoni ta' l-aktar nagħaġ li jaħilbu, stalls li jbiegħu ikel bl-irkotta bħal ravjul, pastizzi, torti etc. Hawn noħolqu opportunita' lil dawk il-Koppin li jridu jipproduċu u li jridu jbiegħu. Jistgħu l-għaqdiet tal-baned u tal-lokalita joħorġu s-siġġijiet u l-bankijiet biex joħolqu wkoll atmosfera kummerċjali ta' prodotti li ġejjien mill-irkotta. Mario Salerno jaħseb li din tkun attivita' li tkun sostenuta minnha nnifisha u mingħajr ma tkun ta' piż għall-kunsill lokali.

4.9. Is-Sindku stqarr li din il-ġimgħa iffirmajna l-kuntratt mad-dipartiment ta' l-artijiet fuq id-devoluzzjoni tal-latrina. Irnexxielna nilħqu ftehim ma' l-Onor. Jason Azzopardi li hu responsabbli mil-qasam ta' l-artijiet, u hu għamlilna appuntament mad-Direttur Paul Miruzzi sabiex inkunu nistgħu napplikaw ukoll għall-devoluzzjoni ta' art mitluqa ġewwa Triq San Petru. Waqt li s-Segretarju se jieħu ħsieb mas-Sur Charles Chircop sabiex jibda' x-xogħol fuq il-bini tal-latrina, is-Sindku ser jieħu ħsieb ukoll biex meta tingħata l-art fi Triq San Petru bħala devoluzzjoni lill-kunsill, jitnaddaf il-ħmieġ u l-materjal ta' kostruzzjoni minn hemm u naħsbu kif intwettqu post ideali għal-babies u għal tfal ta' eta żgħira.

4.10. Is-Sindku ppropona li għas-sajf li ġej inkomplu bħas snin li għaddew nagħmlu il-korsijiet li jgħoddu lir-residenti fil-lokalita. L-istaff ħa ħsieb li jorganizza ma' l-għalliema u mal-kunsilliera time-table ta' kif se jitmexxew il-korsijiet li jvaraw minn: computer courses, elementary and basic academic subjects, painting , keep fit exercises, cross-stich u oħrajn.

4.11. Tajjeb li nirringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv li b' għaqal kbir wettaq u għadu jaħdem fuq it-tendering tal-progett "Closer opportunities to homes" fejn hu immirrat lejn in-nisa tad-djar , għall-pesuni li tilfu l-impjieg tagħhom, u lejn persuni vulnerabbli. Dan hu proġett li jkun varat għal aħħar tas-sena. Kors li hu b'xejn u li jingħata ċertifikat fl-ECDL u City & Guilds. Is-Sindku fakkar lil sħabu li }al Kirkop hu l-progett leader ta' dan il-proġett ESF u li bħala partners għandna lil Kunsilli ta' Birkirkara, San Gwann, Marsaskala, Naxxar, Zurrieq.

4.12. Is-Sindku kompla u qal li proġett ieħor li qegħdin nieħdu sehem bil-kbir hu fil-Gal Xlokk. }al Kirkop hu wieħed mill-Kunsilli lokali li qed jipparteċipa sabiex nixprunaw aktar proġetti agrarji fir-reġjun tas-sud. Il-Kunsillier Rose Roberts qed tagħti sehem qawwi f'dan il-proġett.

4.13. Is-Sindku fakkar lil sħabu li f' Awissu li ġej , se jkollna ġemgħa ta' ż-żgħażagħ barranin li ġejjien minn pajjiżi oħra u l-Kunsillier Nadia Zammit se tkun qed tieħu ħsieb dan il-proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.

4.14. Is-Sindku informa lil sħabu li dan l-aħħar kellna l-aħbar ħażina fejn smajna li s-Sur Dennis Vassallo, l-Authorised Officer tat-Tribunal taż-|urrieq weġġa' u qiegħed l-isptar. Bħala l-persuna li tmexxi s-sistema ta' l- LES , ġie deċiż li l-kunsilli lokali kollha li nużaw dan it-tribunal niltaqgħu biex naraw kif se titkompla s-sistema. Sakemm s-sitwazzjoni terġa' tiġi għan-normal, il-kunsilli lokali kollha inkluż tagħna, jkunu qed joħorġu l-flejjes biex iżommu s-sistema tal-wardens, mingħajr ma nkunu nistgħu nieħdu xi flus lura. Is-Sindku ippropona li, sakemm jiġi kollox għan normal, il-Kunsill Lokali }al Kirkop iżomm il-flus li jiedħlu miċ-ċittazjonijiet għaliex inkella nistgħu naqgħu minghajr cash flow u li huma tant important biex inkomplu nlaħħqu ma' l-ispejjeż ta' kuljum.

4.15. Is-Sindku qal li meta nqisu kollox u nevalwa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kunsill lokali, insibu li għandna flus biżżejjed biex inħallsu għal proġetti li kienu ppjanati. Għal proġetti li jidhru li waqqgħu mis-sema, bħal dak tax-xelter għall-anzjani u xi oħrajn irridu niżguraw li b'mod sostenibbli inħallsuhom mingħajr ma jkollna nisselfu xi fondi mill-bank. Imma s-Sindku jistqarr li hu meħtieg li nkunu dixxiplinati fin-nefqa. Irridu nagħmlu l-*projections* għal kull proġett, waqt li l-Segretarju Ezekuttiv hu iggwiddat biex iżomm mal-money schedule, jew aħjar , irid jara' li flus ivvutati għal proġetti li huma committed , ma jintmessux, waqt li għal xi proġetti oħra, irid jara' kif jinġiebu l-fondi, sew jekk hux minn għand il-privat  permess ta' sponsors inkella mingħand il-Gvern ¬entrali, u dan jgħodd għal kull tip ta' nefqa. Is-Sindku jsaqsi jekk hawn xi kunsillier li jrid jagħti fehemtu fuq hekk, jista' jgħidu jew inkella jikteb xi forma ta' alternativa ta' fund raising għall-proġetti.

4.16. Is-Sindku qal li llum kellna seduta mas-Sur Oliver Farrugia mill-MTA li hu interessat ħafna fuq il-festa ta' l-irkotta u li ser itina kull appoġġ biex din l-idea issir realta.

4.17. Is-Sindku informa lil sħabu li llum irċevejna ittra mingħand il-kumitat iffirmata mis-sur Abela, fejn qed jinforma lil Kunsill tagħna li l-applikazzjoni tagħna biex jagħtuna xi flus għal proġett soċjali mill-Lottery Common Good Cause Funds ma ġietx aċċettata. Għalhekk irridu nkissru rasna aktar biex nwettqu dawn il-progetti soċjali.

4.18. Rigward il-progett tal-EU li jirrigwardja is-sostenibilta tal-lokalitajiet, is-Sindku qal li l-kunsill tagħna kien nieda proġett tajjeb ħafna sabiex jgħin lit-tfal biex jikbru kemm fil-qasam akkademiku kif ukoll biex jikbru fiżikament u jieklu wkoll xi ikla tajba u dan il-progett qed jiġi mmirat li jinvolvi l-aktar għoxrin tifel/ tifla foqra fir-raħal . Il-proġett hu Familjahort!

4.19. Minn dak li hareg fir-riforma tal-kunsill lokali , jidher li l-kunsilliera ghandhom tlett snin ohra ta' hidma. Is-sindku jappella lil kulhadd biex inkomplu nahdmu bhala team wiehed , inziedu l-intensita kemm fl-isfond u kemm fil-firxa ta' kull qasam li jaqa' taht ir-responsibilita ta' kull wiehed u wahda mill-kunsillieri.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

5.1.1. Is-Sur Carbone qal li jaqbel li nqabbdu designer imma m' hemmx għalfejn nonfqu ħafna flus. Is-Sur Carbone irrefera għal kwotazzjoni li ġab il-Kunsillier Mizzi. Is-Sur Mizzi qallu li dak m'huwiex interior designer imma designer u li ikun jista jagħmel kollox 3D u narawh bil-kompjuter. F'każ li ma joġobnix xi ħaġa kemm ninfurmawh u jbiddlilna mingħajr ħlas.

}aġa li jrid jenfasizza fuqha wkoll is-Sur Carbone kienet li l-irħis huwa għali u għal kunsill il-ġdid tajjeb li noqodu attenti ma nixtrux materjal ta' klassi inferjuri biex imbgħad ikollna konsegwenzi għar. Rose qalet li il-madum ta' l-art minn Għawdex huwa irħas u tajjeb li inġibu kwotazzjoni u sample tiegħu.

5.1.2. Is-Sur Carbone qal li għandna bżonn li ssir l-indafa fil-pjazza għaliex mimlija mbarazz. Hu kompla u qal li vera kien ir riħ imma għandna nieħdu ħsiebha. Is-Sur Mizzi qal li tkellem ma' Mario Farrugia u l-gimgħa d dieħla gejjin b'guy u ħa jduru dawra ir-raħal. Is-Sindku qal ukoll li hemm nuqqas ta' kenniesa għaliex wieħed telgħa l-Ingilterra jagħmel operazzjoni f'għajnejh u l-ieħor qiegħed l-Ingilterra wkoll għaliex il-mara tiegħu qiegħda tagħmel operazzjoni serja. Għalhekk bħalissa qegħdin naħdmu b'kennies wieħed biss. Joe qal huwa mhux qed jirreferi għall-weraq għax dawk huma affarijiet normali.

Fuq dan ir-rigward Rose Roberts issuġġeriet li noħorġu avviżi anke bil-kappillan sabiex inqajmu awareness. Stephen qal li mhux bil-kappillan imma nagħmluh aħna. Is-Sindku qal li

hawn ħafna jiġu jaqgħu u jqumu mil-indafa u jħammġu bl-addoċċ. Stephen issuġġerixxa li inqabbdu green wardens aħna part time. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

Rose qalet fuq il-ħmieġ tal klieb. U tajjeb li nagħmlu tabelli oħrajn tal-ħmieġ tal-klieb quddiem l-iskola. Inqabbdu *green warden* siegħa kuljum randomly bħala ħin. Għaddiet mozzjoni li nqabbdu *green warden* nemcon.

5.1.3. Is-Sur Carbone staqsa fuq il-bankina ta' Triq Safi u issuġġerixxa biex inkellmu lil ADT sabiex ssir mil-aktar fis qabel isir xi inċident. Mario qal li tkellimna ma' Edric Micallef imma ma taniex widen. Stephen issuggerixxa li nagħmluha aħna pero Mario qal li dik hija triq distributorja allura ahjar inħalluha f' idejn l-ADT għaliex jekk ma ssirx konformi mar-regoli ta' l-ADT u jsir xi inċident niġu f'ħafna inkwiet. Carbone qal li hemm irid isir xi ħaġa imma! Hu issuġġerixxa biex inkellmu lil Perit David Vassallo u nibgħatu ittra lil Edric.

5.1.4. Il-Viċi Sindku staqsa fuq kif bqajna fuq il-bandli kif ser nirrangawhom u s-Sur Mizzi qallu li għandna l-kwotazzjonijiet lesti kemm nivvutaw €25,000 u jsiru.

5.1.5. Is-Sur Carbone għamel kumment li qed napplikaw għal ħafna proġetti u s' issa għadna ma ħadna xejn lura. Is-Sindku qallu li s'issa ħadna kemm ta' l-ESF u tal-Photovoltaic u li tajjeb li jkollok direzzjoni u tkun taf fejn trid tasal.

5.1.6. Il-Viċi Sindku qal li kellna laqgħa fuq il-binja tal-Kunsill il-ġdid ma' l-Inġinier Louis Borg sabiex nitkellmu fuq l-elettriku u kif ser nibdew. Carbone tkellem fuq il-bżonnijiet għal binja tal-Kunsill. Ġie maqbul li nġibu stima minn għand designer u jekk ma joġobniex nistgħu inbiddluha u nirranġawha skond kif toġob lilna. Il-Kunsill qabel unanimament li inqabbdu designer u jagħmlulna pjantja 3D ta kif ser jigi.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**
5.2.1. Is-Sinjura Roberts qalet li il-keep fit biddilna l-ġranet u qegħdin isiru darbtejn fil-Ġimgħa. Rose qalet ukoll li kellmu lis-Sinjura Nancy Sacco sabiex tibda tieħu ħsieb il-klassijiet hi u biex jibdew iħallsu lilha direttament u ma jibqax jiġI involut il-Kunsill.

5.2.2. Rose qalet ukoll sabiex nagħmlu lista tal-korsijiet li ser ikollna dan is-Sajf u nibgħatuha l-iskola u nindirizzawa lil Assistant Kap Lina Ellul.

5.2.3. Is-Sinjura Roberts qalet li tajjeb li nkellmu lil Silvia Brincat li ser tagħmel il-kors tal-Privat u nibgħatula ittra uffiċċjali

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**
5.3.1. Is-Sur Mizzi qal li rigward il-keep fit is-Segretarju kellu jippreżenta rendikont ta' kif qed titħallas Rita Sammut u kemm qegħdin naqalgħu u kemm qegħdin noħorġu. Is-Segretraju qallu li huwa naqas iġib ir-rendikont pero lest li jipprinjah dak il-ħin spess. Kulħadd qabel li dan ir-rendikont jinġieb fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Mizzi qal li irid jara r-rendikont u nitkellmu fuqha għaliex fi żmien meta ipproponiha hu kulħadd qabel li dan il-kors ikun *self sustainable.*

**7. Awtorizzazzjoni tal-Pagamenti**
Il-pagamenti għaddew kollha.
Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Stephen Mizzi

Il-}las tal-Perit Anthony Bezzina ġie miftiehem li jitħallsu €5,000 mis-somma total ta' €27,533.

**8. Affarijiet oħra**

8.1. Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**9. Konklużjoni**
Il-laqgħa intemmet fit-7.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**